# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2025**

**Numru: 14**

**Rikors numru: 1090/2017/1JVC**

**John Busuttil**

**v.**

**Mary Azzopardi u b'digriet datat 26 ta' Jannar 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Dorianne Azzopardi -*stante* li Mary Azzopardi mietet fil-mori tal-kawża, u Michael Busuttil**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża b'talba għall-immissjoni fil-pussess u l-likwidazzjoni u qsim tal-assi ereditarji ta' Lorenza Busuttil. Minnha saru appell minn terz u appell inċidentali.

Fatti

2. B'testment *unica charta* tat-22 t'Ottubru 2007 Lorenza u Salvatore miżżewġin Busuttil istitwew bħala eredi universali tagħhom lil uliedhom John Busuttil, Michael Busuttil, Mary Azzopardi u Alfreda Aquilina. Lorenza Busuttil ħalliet is-sehem riservat liż-żewġ uliedha l-oħra Joseph u Francis, aħwa Busuttil, u b'titlu ta' legat ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti:

1. Lil żewġha Salvatore Busuttil in pjena proprjetà kull flus, depożitu, *stocks, shares* u l-użufrutt tal-beni tagħha kollha.

2. Lil John u Michael Busuttil indiviżament tal-inkwilinat tal-fond numru 6 Main Gate Approach, Vittoriosa.

3. Lil John Busuttil in pjena proprjetà l-fond 36, Xatt il-Kalkara, Kalkara.

4. Lil Michael Busuttil in pjena propjretà l-fond 42, Watermill Street, Kalkara.

3. Lorenza Busuttil mietet fl-1 ta' Jannar 2008.

4. B'att ta' donazzjoni tas-7 ta' Mejju 2015 Salvatore Busuttil itrasferixxa favur ibnu Francis Busuttil in-nofs indiviż tal-garaxx 2, Triq is-

Sienja, Kalkara. B'testment tal-istess data, il-missier ipprevalixxa ruħu mill-*facolta di variare* u għamel *legato di cosa altrui* tan-nofs indiviż l-ieħor tal-istess garaxx.

5. Il-wirt ta' Lorenza Busuttil f'dak li jirrigwarda immobbli, jikkonsisti fin-nofs indiviż tas-segwenti:

1. 40, Saviour House, Triq is-Sienja, Kalkara.
2. 36, Triq il-Marina, Kalkara.
3. Il-garaxx internament bin-numru 1, b'aċċess minn Triq is-Sienja, Kalkara.
4. Il-garaxx internament bin-numru 3, (recte: 2) b'aċċess minn Triq is-Sienja, Kalkara.
5. Il-garaxx 42, Triq is-Sienja, Kalkara.

6. B'nota tal-21 ta' Frar 2017 ippreżentata fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, Alfreda Aquilina ddikjarat li ma kinitx qed taċċetta l-wirt dovut lilha mis-suċċessjoni ta' ommha filwaqt li żammet ferm id-dritt tagħha għall-porzjon riżervat skont il-liġi kif dedott fir-rikors ġuramentat 1041/2017.

7. Bi qbil bejn il-partijiet Joseph Busuttil tħallas il-porzjon riżervat spettanti lilu fl-ammont ta' €26,000 f'porzjonijiet indaqs mill-konvenuti.

8. Fit-30 ta’ Novembru 2017 John Busuttil fetaħ din il-kawża li permezz tagħha talab l-immissjoni fil-pussess ta’ sehem ommu mill-inkwilinat tal-fond 6, Main Gate Approach, Vittoriosa u mill-fond 36, Xatt-il Kalkara, Kalkara; li tiġi stabbilita l-konsistenza tal-assi tal-omm, u l-qasma tagħha.

9. Il-missier miet fil-21 ta’ Diċembru 2017.

10. B’sentenza tat-30 ta’ Jannar 2024, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet:

> “- Li hemm total ta’ €78,647.53 depożiti u titli oħrajn; l-omm kellha n-nofs li jammonta għal €39,323 li għandu jiġi maqsum indaqs bejn John Busuttil, Mary Azzopardi llum Dorianne Azzopardi u Michael Busuttil biex b’hekk kull parti jmissha €13,107.93.
> - Li għandha ssir il-liċitazzjoni ta’ nofs indiviż tal-fondi fuq deskritti taħt partiti (1),(2) u (3) u r-rikavat maqsum fi tlett porzjonijiet indaqs bejn il-kontendenti.”

11. L-ewwel Qorti rrimarkat li:

> “Finalment dwar dak sottomess mill-intimata Dorianne Azzopardi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u fir-replika relatat mat-testmenti tal-mejjet nannuwha Salvatore Busuttil fejn jirrizulta li huwa ghamel uzu mill-legato di cosa altrui fuq immobbli li whud minnhom jiffurmaw parti mill-massa ereditarja tal-mejta Lorenza Busuttil li taghhom intalab id-divizjoni f’din il-kawza, l-Qorti tirrileva li f’din il-kawza hija mitluba sabiex (i) tordna l-immissjoni fil-pussess ta’ legati mhollija mill-mejta Lorenza Busuttil, u (ii) sabiex tiddividi u tassenja l-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil u xejn aktar. Ma jirrizultax li tressqet xi eccezzjoni f’dan is-sens, jew li tressaq xi rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minhabba c-cirkostanzi ndikati mill-intimata Dorianne Azzopardi. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tidhol fi kwistjonijiet li m’hijiex mitluba tiddeciedi dwarhom permezz tar-rikors guramentat stante li tkun qieghda tezorbita mill-kompetenza taghha.”

12. **Francis Busuttil** interpona appell bħala terz, li permezz tiegħu talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza billi filwaqt li tħassarha u tirrevokaha fejn iddeċidiet illi n-nofs indiviż tal-garaxx internament immarkat bin-numru tnejn (2) b'aċċess minn *driveway* minn Triq is-Sienja, Kalkara kien jappartjeni lid-defunta Lorenza Busuttil u konsegwentament ordnat il-bejgħ bil-liċitazzjoni tiegħu u dana billi, *invece*, tiddikjara u tiddeċiedi illi dan l-istess garaxx ma jappartjenix lid-defunta u/jew ma jifformax parti mill-assi ereditarji tagħha, iżda jappartjeni esklussivament lill-appellant Francis Busuttil, u tikkonferma fil-bqija.

13. Fil-qosor, id-doljanza tiegħu hija din:

- "L-Ewwel Qorti ma messhiex ordnat il-bejgħ tal-garaxx numru 2 fuq deskritt wara li injorat il-fatt li l-huwa proprjetà esklussiva tiegħu in forza tad-donazzjoni u testment ta' missieru bil-premessa li kien jeżorbita mil-limiti tal-kontestazzjoni. Isostni li dejjem setgħet tqajjem eċċezzjoni *ex officio* b'riħet Art. 732A tal-Kap. 12; setgħet ukoll titlob is-sejħa fil-kawża tal-partijiet interessati, fosthom lilu. Iżid jilmenta li l-Ewwel Qorti, kif ippreseduta, kienet taf bit-testment *tramite* l-kawża li huwa fetaħ biex jitlob is-sehem riżervat (772/18 JVC).
- Huwa prinċipju paċifiku illi *mal-mewt tad-decujus il-proprjetà tal-legat tgħaddi favur il-legatarju,* filwaqt li huwa biss il-pussess li

jgħaddi għand l-eredi. Madanakollu, "l-*proprjeta' jew id-'dritt' għal ħaġa legata, issir tal-legatarju mill-ġurnata tal-apertuta tas-suċċessjoni bis-saħħa unikament tad-dispożizzjoni testamentarja, mingħajr in-neċessità ta' ebda att da parti tal-legatarju, u saħansitra as insaputa tiegħu, u kwindi indipendentament mill-immissjoni tiegħu fil-pussess tal-legat*."[1]

- L-esponenti ġia għandu (u ilu għal diversi snin) bil-pussess materjali u esklussiv ta' dan il-garaxx. Jista' jingħad, għalhekk, illi ġja ġie taċitament immess fil-pussess tal-istess garaxx (billi qatt ma kien hemm kontestazzjoni ta' dan il-fatt), iżda dan biss għaċ-ċertezza legali li huwa talab – u għandu jitlob – l-immissjoni formali tal-garaxx imħolli lili mingħand l-eredi tal-omm.

14. John Busuttil, Dorianne Azzopardi u Michael Busuttil ippreżentaw risposti tal-appell separati, filwaqt li Michael Busuttil ippreżenta wkoll appell inċidentali.

15. **John Busuttil** wieġeb li fir-rikors promotur m'hemm l-ebda talba jew eċċezzjoni fis-sens tar-rikors tal-appell. Il-kawża nfetħet, u t-talba saret, meta l-missier kien għadu ħaj u għalhekk in-nofs indiviż tal-garaxx *de quo* kien fl-assi tal-omm. Għalhekk sewwa qalet l-Ewwel Qorti li l-

[1] Ara **Agnese Farrugia v Emanuel *sive* Noel Buttigieg et,** Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) AE – 4.04.2008

esklużjoni tiegħu mill-assi tesorbita mill-kompetenza (sic) tagħha. Barra minn hekk, is-sehem riżervat fil-kawża 772/2018JVC kien ikkalkulat fuq l-assi tal-omm inkluż il-garaxx li issa qiegħed b'mod kontradittorju jintalab li jiġi eskluż.

16. **Dorianne Azzopardi** wieġbet li l-appellant naqas li jagħmel referenza għal fatt li għalkemm il-proprjetà tal-ħaġa mħollija legat tgħaddi għand il-legatarju minnufih mal-mewt tat-testatur, il-pussess tal-ħaġa jgħaddi għand il-werrieta u għalhekk il-legatarju huwa obbligat *ai termini* tal-Artikolu 726(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jitlob lill-werrieta l-pussess tal-ħaġa mħollija legat u dan qabel jeżerċita ebda azzjoni fuq l-oġġett tal-legat fil-konfront ta' terzi.

17. Kompliet tgħid li ladarba kien Salvatore Busuttil li ħalla l-*legato di cosa altrui* lit-terz appellant, huma l-eredi tal-istess Salvatore Busuttil li għandhom jimmittuh fil-pussess ta' dan il-legat u mhux l-eredi ta' Lorenza Busuttil (liema eredi huma differenti mill-eredi ta' Salvatore Busuttil u dan kif premess aktar 'il fuq, fil-fatti).

18. Fl-aħħarnet issottomettiet li t-terz appellant jonqos li jikkunsidra l-fatt li *oltre* għal-*legato di cosa altrui* mħolli lilu, huwa wkoll eredi ta' missieru Salvatore Busuttil li għalhekk *qua* ko-eredi, huwa wkoll obbligat li jħallas sehmu mil-legat biex tkun tista' ssir l-immissjoni fil-pussess tal-

istess legat lil-legatarju (li f'dan il-każ huwa hu stess). Minn imkien ma jirriżulta li legatarju li huwa wkoll ko-eredi, huwa b'xi mod eżenti mill-ħlas ta' sehmu tal-legat.

19. **Michael Busuttil** wieġeb li t-talba tal-appellant hija żbaljata għaliex għalkemm huwa minnu li huwa sar proprjetarju fis-sħiħ tal-garaxx premess, dan ma jfissirx li huwa l-pjena pussessur tal-istess garaxx u għalhekk kellu wkoll jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-garaxx *de quo*. It-talba tal-appellant kif inhi ppużata, hija fattwalment insostenibbli u dana għaliex sabiex jiġi mmess fil-pussess tal-garaxx *de quo* hu jrid jakkwista akkont ta' ħlas is-sehem ta' $^{1}/_{6}$ mill-istess fond minn John Busuttil li huwa werriet ta' Lorenza Busuttil (ta' min in-nofs indiviż tal-garaxx premess kien spettanti taħt il-*legato di cosa altrui*) u dan *ai termini* tal-Artikolu 696 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

20. L-istess Michael Busuttil appella inċidentalment. Fil-qosor, l-ilmenti tiegħu huma dawn:

(1) L-appellant kien il-proprjetarju fis-sħiħ tal-fond numru erbgħin (40) u l-garaxx numru wieħed (1) u għalhekk ma kien hemm xejn x'jiġi diviż in kwantu l-istess proprjetajiet.

(2) Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **<u>Baldacchino noe vs Mifsud noe</u>**, deċiża fis-29 ta' Ottubru, 1999, il-proprjetà

libera tal-legat tappartjeni lil-legatarju sa mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bħala 'kreditur' tal-wirt.

(3) Il-Qorti kellha tippronunzja li jsir l-immissjoni fil-pussess.

21. Għalhekk talab li l-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell tat-terz Francis Busuttil u minflok tilqa' l-appell tiegħu tal-Ewwel Qorti billi tvarja s-sentenza u tiddikjara u tiddeċiedi li l-fond bin-numru 40, Salvatore House, fi Triq is-Sienja, Kalkara u tal-garaxx internament immarkat bin-numru wieħed (1) b'aċċess minn *driveway* minn Triq is-Sienja, Kalkara, jiġu esklużi minn dawk l-assi li għandhom jiġu diviżi għall-konsistenza tal-assi tad-defunta ta' Lorenza Busuttil.

22. Għall-appell inċidentali wieġbu John Busuttil, Dorianne Azzopardi u Francis Busuttil.

23. John Busuttil u Dorianne Azzopardi, wieġbu b'mod kważi identiku għar-risposta tiegħu għall-appell tat-terz.

24. Francis Busuttil wieġeb li l-appellant baqa' passiv quddiem l-Ewwel Qorti dwar l-aggravju tiegħu, iżda ma jopponix l-appell safejn huwa msejjes fuq l-istess raġunament tal-appell tiegħu (tat-terz). Francis Busuttil isostni wkoll li l-appellant inċidentali jikkontradixxi ruħu billi wara

li jopponi l-appell tat-terz, jippreżenta appell b'motivi simili għal dak tal-appell tat-terz.

**Dwar l-appell tat-terz:**

25. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-kwistjoni jekk kienx hemm proprjetà soġġetta għal-*legato di cosa altrui* kienet teżorbita mil-limiti tal-kontestazzjoni. Fost it-talbiet hemm li jiġi stabbilit fiex jikkonsistu l-assi ereditarju ta' Lorenza Busuttil u li jiġi maqsum skont it-testment u skont il-liġi. Jekk ir-raġel tagħha ddispona li ċerta proprjetà formanti parti minn dan l-assi tingħata b'legat lil xi wħud minn uliedu, allavolja jaf li mhix tiegħu imma ta' martu, dan ifisser li din il-proprjetà titneħħa mill-assi tal-mara u tiġi assenjata lill-istess legatarji. Kunsiderazzjoni li tidħol sewwa fil-parametri tal-kawża kif proposta.

26. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellati fejn isostnu li l-appellant ma jistax iressaq it-talba tiegħu għaliex ma ġiex immess fil-pussess; pussess li jrid jingħata mill-werrieta kollha; li barra minn hekk mhumiex kollha parti fil-kawża. Dan għaliex il-proprjetà tal-legat tgħaddi irrispettivament mit-trasferiment tal-pussess tiegħu. Il-Qorti tqis ukoll li t-terz appellant mhuwiex jitlob l-immissjoni fil-pussess imma dikjarazzjoni li l-proprjetà mertu tal-legat lilu mħolli tappartjeni lilu.

27. Din il-Qorti lanqas ma taqbel li sejra tiġi kommessa inġustizzja minħabba li fil-kawża li t-terz appellant fetaħ biex jiġi kkomputat is-sehem riżervat tiegħu, ġew inklużi l-beni mħollija *b'legato di cosa altrui*, u issa qegħdin jiġu esklużi. Dan għaliex il-missier miet wara l-omm; il-*punctum temporis* għall-firmazzjoni tal-assi huwa l-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni tagħha; il-proprjetà in kwistjoni tnaqqset mill-assi fi żmien successiv. Din il-kwistjoni diġà ġiet indirizzata minn din il-Qorti stess, diversament komposta, fil-kawża numru 772/18 deċiża minnha fil-25 ta' Jannar 2023.

**Dwar l-appell inċidentali**

28. Il-konsiderazzjonijiet li għadha kif għamlet din il-Qorti rigward l-appell tat-terz, jgħoddu għall-appell inċidentali u mhemmx għalfejn jiġu ripetuti.

29. Li hemm differenti bejn iż-żewġ appelli huwa li Michael Busuttil, kuntrarjament għal Francis Busuttil, kien parti fil-kawża (wieħed mill-konvenuti) quddiem l-Ewwel Qorti. B'mod l-iktar sorprendenti, ma qajjimx l-eċċezzjoni li issa qiegħed iqanqal bħala aggravju tal-appell. Ħaġa li fil-prattika mhix normalment konsentita, għaliex din il-Qorti hija waħda ta' reviżjoni tal-proċess fl-ewwel istanza; li għalhekk ikun eżaminat minn żewġ gradi tal-ġerarkija tal-Qrati. Kwistjoni ġdida mqanqla fl-appell

iċċaħħad il-benefiċċju tad-*doppio esame*. B'danakollu, ma jidhirx li l-appellati oġġezzjonaw għal din iċ-ċirkostanza; huwa biss it-terz appellant li jagħmel riferenza għaliha. B'danakollu, *in vista* tal-identità tal-mertu bejn iż-żewġ appelli, ma jkunx jagħmel sens, kif ukoll ikun inġust, li din il-Qorti tirrifjuta li tieħu konjizzjoni tal-appell inċidentali.

***Decide***

30. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda:

(1) Tilqa' l-appell tat-terz billi tirriforma s-sentenza billi filwaqt li tħassarha u tirrevokaha fejn iddeċidiet illi n-nofs indiviż tal-garaxx internament immarkat bin-numru tnejn (2) b'aċċess minn *driveway* minn Triq is-Sienja, Kalkara kien jappartjeni lid-defunta Lorenza Busuttil u konsegwentament ordnat il-bejgħ bil-liċitazzjoni tiegħu u dana billi, *invece*, tiddikjara u tiddeċiedi illi dan l-istess garaxx għandu jiġi eskluż mill-assi tagħha.

(2) Tilqa' l-appell inċidentali billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-fond bin-numru 40, Salvatore House fi Triq is-Sienja, Kalkara u tal-garaxx internament immarkat bin-numru wieħed (1) b'aċċess minn *driveway* minn Triq is-Sienja, Kalkara jiġu esklużi minn dawk l-assi li

għandhom jiġu diviżi għall-konsistenza tal-assi tad-defunta ta' Lorenza Busuttil.

U mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi minn dik il-Qorti; spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss